# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 21 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 21.
Citazz. Nru. 2056/00 JRM

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Jason NAVARRO**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf, mitejn erbgha u sittin liri maltin u tlettax-il centezmu (Lm1264.13), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "21";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn erbgha u sittin liri maltin u tlettax-il centezmu (Lm1264.13), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn erbgha u sittin liri maltin u tlettax-il centezmu (Lm1264.13) import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenut.

## Moqrija.

*21 ta' Marzu, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu, 2001.**